# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 40

It-Tnejn, 30 ta' Ottubru, 2017

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ

Membri tal- Pubbliku: (0)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
Nil

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is- Sindku, is-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 40.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

40.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji riċevuti.

## 40.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti

40.2.1. Is-Sindku JC ressaq il-minuti tad-disgħa u tletin (39) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

40.2.1.1. Il-Viċi Sindku JB ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsilliera LAG favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun unanimu.

40.2.2. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 39.2.4 li tirrigwardja *Road humps* fi Triq il-Brolli u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Il-Kunsillier SZ qed jaħdem fuqhom.

40.2.3. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 39.2.5 li tirrigwardja *BYE-LAWS DWAR ŻONI ESKLUSSIVI GĦAL BARBEQUES*, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ntbagħtet dokumentazzjoni addizzjonali lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u l-applikazzjoni qed tiġi proċessata.

40.2.4. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 39.2.6 li tirrigwardja t-titqiba ta' kontra l-Influwenza. Huwa rrimarka li ingħataw 478 titqiba, u s-servizz sar minn żewġ infermiera, waħda fis-Sala tal-Komunità u l-ieħor *housebounds.*

40.2.5. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 39.2.7 li tirrigwardja żona dedikata għal għawm taż-żwiemel u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Segretarju informa li d-Direttorat relevanti qed jikkunsidra t-talba.

40.2.6. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 39.4.1 li tirrigwardja l-istima tal-perit tal-parkeġġ faċċata tal-*Waterpolo* Clubhouse u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Is-Segretarju informa li huwa reġa' fakkar lil Perit il-ġimgħa li għaddiet. Nelfrattemp il-Kunsill qabel li jsir iż-żbir tas-siġar slavaġ u eventwalment jinqalgħu.

40.2.7. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 39.4.14.2 li tirrigwardja t-twaħħil ta' lampa fi Triq il-Karmnu, Bengħajsa u staqsa jekk kienx hemm progress. Is-

Segretarju Eżekuttiv Informa li l-Enemalta kkonfermaw li ser iwasslu s-servizz u għaldaqstant ħarġet l-ordni ta' xogħol lil Kuntrattur.

40.2.8. Il-Viċi Sindku JB għamel riferenza għal materja 39.4.18.2 li tirrigwardja l-bust ta' San Ġorġ Preca. Huwa offra li jfittex benefattur, madankollu għandu iżda biex jagħmel dan, għandu bżonn l-istimi. Il-Kunsillier AC infurmah li ser ikellem lid-disinjatur, u appena jagħtih id-disinn jgħaddihulu.

40.2.9. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 39.2.10 li tirrigwardja twaħħil ta *bollards* fi Triq Għar Dalam quddiem Triq iż-Żejtun u staqsa jekk kienx hemm tweġiba. Is-Segretarju Eżekuttiv informa fin-negattiv.

40.2.10. Il-Kunsillier SZ għamel riferenza għal materja 39.4.2.1 li tirrigwardja twaħħil ta' *bollards* fi Triq San Patrizju. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li temporanjament saru linji mal-art. Il-Kunsill qabel li ma jitwaħħlux il-*bollards* minħabba li fil-ġimgħat li ġejjin ser tinqala' t-triq.

40.2.11. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 39.2.3 li tirrigwardja t-talba tal-Maypole sabiex ipoġġi skip fil-viċinanzi tal-ħanut tiegħu, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li l-ħanut imsemmi għamel arranġament alternattiv ma' kuntrattur privat.

40.2.12. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 39.2.11 li tirrigwardja stimi ta' toroq li għandhom bżonn manutenzjoni. Huwa kien infurmat li dawn iridu jinħadmu mill-Perit .

40.2.13. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 39.2.12 li tirrigwardja l-parkeġġ ta' Misraħ il-Pajtier u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li l-materja qed tinħadem mill-Perit.

40.2.14. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 39.2.13.1 li tirrigwardja l-użu ta art tal-ex-impjant tal-gass. Huwa kien nfurmat li ntbagħtet li it-talba igħal diversi drabi.

40.2.15. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 39.3.3 li tirrigwardja L-applikazzjoni għall-restawr. Huwa ppropona li meta l-Kunsill ikun eliġibbli, tista' ssir applikazzjoni għar-restawr taż-żewġ niċeċ li jinsabu Bengħajsa. Il-Kunsill innota wkoll li hemm niċċa f'Misraħ is-Summit.

40.2.16. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 39.4.8.1 li tirrigwardja tumbati fi Triq San Ġwann magħmula bil-konkos minn xi ħadd mhux magħruf, mingħajr permessi, u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien infurmat li dawn tneħħew mill-ħaddiema tal-Kunsill.

40.2.17. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 39.4.13 li tirrigwardja l-Pjan ta' Riġenerazzjoni. Huwa fakkar li nżammet laqgħa mal-GHRC, fejn ġew diskussi l-prijoritajiet tal-lokalita'.

40.2.18. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 39.4.14 li tirrigwardja rimi ta' skart illegalment f'kantuniera partikulari ġewwa Bengħajsa u staqsa jekk il-Kunsill hux qed jieħu ħsieb. Is-Sindku infurmah li din il-kantuniera titnaddaf kull ġurnata. Huwa informa wkoll li jekk isiru kameras ta-sigurtà, dawn ikunu jridu jiġu moniterjati. Huwa tkellem dwar il-fatt li meta l-Kunsill jinvesti, u jinqabad xi ħadd, il-Kunsill ma jieħux flus mill-multi.

40.2.19. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 39.4.16.2 u staqsa jistax jintervjeni l-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmah li dan huwa propjetà tal-Awtorità tad-Djar, u l-manutenzjoni li hemm bżonn taqbeż is-sebgħin elf ewro. Il-Kunsill innota wkoll li tali xogħlijiet ġew proposti fil-Pjan ta' Riġenerazzjoni.

40.2.20. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 39.10 li tirrigwardja l-iSkatepark u staqsa jekk kienx hemm żviluppi. Huwa kien informat li nħarġu l-permessi neċessarji, u saru testijiet ġeoloġiċi. Huwa kien infurmat ukoll li l-forom u l-istrutturi tal-konkrit ser jinħadmu fil-propjetà tal-kuntratturi.

40.2.21. Il-Kunsillier AC għamel riferenza għal materja 39.17 li tirrigwardja l-pubblikazzjoni tal-Bye Law dwar Xorb f'Kontenituri tal-Ħġieġ f'postijiet pubbliċi u staqsa jekk hemmx żviluppi. Huwa kien infurmat li din ġiet proċessata mill-Uffiċċju Amministrattiv u ġiet mgħoddija lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

40.2.22. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għal materja 39.3.1 li tirrigwardja l-Qajjenza u t-Trasport Pubbliku. Hija infurmat li Rotta 82 qed tkun *full-up* bejn is-6am u 8.30am. Is-Sindku informa li talab li jkun hawn 2 karozzi stazzjonati Birżebbuġa biex b'hekk tiġi solvuta l-problema li t-Trasport Pubbliku ma jitlaqx fil-ħin minn Birżebbuġa minħabba t-traffiku. Huwa nforma li tali talba ma setgħetx tiġi milqugħa.

40.2.23. Il-Kunsilliera JBD għamlet riferenza għal Pjan ta' Riġenerazzjoni u staqsiet jekk jistax jibda l-proġett tal-Bandli Inklussiv. Hija kienet infurmata li dan ikun jista' jibda meta jaslu l-*commitment letters* mingħand l-awtoritajiet li offrew is-sostenn.

## 40.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku.

40.3.1. Is-Sindku informa dwar korrispondenza riċevuta minn The Academic Union Expert Centre, li titratta Summit of the Leaders fid-19 u l-20 ta' Diċembru 2017. Il-Kunsill qabel unanimament dwar l-importanza li s-Sindku jattendi għal dan is-Summit. Is-Sindku qal li ser jagħmel l-almu tiegħu sabiex l-ispejjeż relatati ma' dan is-Summit ma jkunux assorbiti mill-Kunsill.

40.3.2. Is-Sindku informa dwar korrispondenza riċevuta mill-Ministeru għat-Turiżmu li tirrigwardja "EDEN Award for Tangible Culture Offer". Is-Sindku informa li l-

lokalita' għanda potenzjal biżżejjed u għalhekk jaqbel li l-Kunsill għandu japplika għal dan il-ġieħ prestiġjuż.

40.3.2.1. Is-Sindku irrakkomanda li tiġi konkluża l-applikazzjoni kif abbozzata u ċċirkulata minn qabel, u li għaldaqstant qed tiġi ikkunsidrata bħala moqrija. Is-Sindku talab ukoll sabiex il-Kunsillieri jgħaddu l-kummenti tagħhom fuq l-applikazzjoni msemmija sa nhar il-Erbgħa 1 ta' Novembru 2017.

40.3.2.2. Il-Kunsill qabel li għandha tinżamm laqgħa ma' rappreżentant tal-Assoċjazzjoni tal-Gwidi sabiex possibbilment il-Hop-on Hop-Off tibda tgħaddi mill-prominad ta' Birżebbuġa, mingħajr il-bżonn li jkun hawn waqfiet. Dan għandu jwassal għal iktar promozzjoni tal-lokalita'.

## 40.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

40.4.1. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar ir-*roundabout* ssuġġerita u approvata għal Triq San Ġwann kantuniera ma Triq San Edwardu. Is-Sindku informa li ser jinġabu l-kwotazzjonijiet.

40.4.2. Il-Kunsillier SZ staqsa lis-Sindku dwar il-possibilta' li ssir *humped zebra crossing* fi Triq il-Port Ħieles, ħdejn il-mużew. Huwa fakkar li din kienet diġa mitluba lil Transport Malta. Is-Sindku informa li ser terġa titressaq it-talba.

40.4.2.1. Il-Kunsill qabel ukoll li ssir *sleeping policeman* temporanja fi Triq is-Sajjied.

40.4.3. Il-Kunsilliera LAG infurmat li bħala *Corporate Social Responsibility*, il-Freeport ser jagħtu lil min hu fil-bżonn xi kompjuters użati iżda f'kundizzjoni tajba. Hija talbet lis-Sindku dwar il-possibilta' li jikkoordina l-materja. Is-Sindku qabel li dawn għandhom jingħataw lil xi għaqda tal-lokal.

40.4.4. Il-Kunsilliera LAG staqsiet lis-Sindku dwar il-possibilta' li jinxtraw set *home plugs*, sabiex insaħħu s-servizz tal-internet fil-librerija.

40.4.4.1. Il-Sindku u l-kumplament tal-Kunsill qablu unanimament.

40.4.5. Il-Kunsilliera LAG infurmat li bħala parti mill-Proġett tal-Freeport "MUŻA" l-Kunsill irid jipproponi diversi siti fejn jeħlu għaxar pitturi repliki mill-Mużew Nazzjonali, li ġew magħżula minn individwi.

40.4.5.1. Il-Kunsill qabel li jitwaħħlu mal-ħajt tal-Iskola Primarja, sabiex ikunu jsegwu u miġburin f'post wieħed.

40.4.6. Il-Kunsillier AC staqsa jekk intbagħtitx l-applikazzjoni lil Transport Malta sabiex jiġi immarkat parkeġġ fi Triq F.M. Ferretti. Il-parti ta fejn is-substation.

40.4.6.1. Is-Sindku informa fil-pożittiv.

40.4.7. Il-Kunsillier AC tkellem dwar Triq il-Batterija, u staqsa lis-sindku dwar il-possibilta' li jekk ser tibqa' *two-way*, isir parkeġġ naħa waħda biss minħabba raġunijiet ta' sigurtà. Huwa fakkar li ma kienetx tagħmel sens li ssir *one-way*.

40.4.7.1. Wara diskussjoni libera, Is-Sindku qabel li jsir kumitat sabiex jiddiskuti din il-materja u t-*traffic management* taż-żona.

40.4.7.2. Il-membri tal-Kumitat imwaqqaf, qablu li rappreżentant wieħed mill-Kumitat għall-Qajjenza Aħjar għandu jkun mistieden.

40.4.7.3. Il-Kunsilliera SZ, JBO, AC qablu li jipparteċipaw f'dan il-Kumitat flimkien mas-Sindku.

40.4.7.4. Il-membri qablu li dan il-kumitat għandu jiltaqa' fit-8 ta' Novembru fis-6.00pm.

## 40.5 Rapporti

40.5.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Balance Sheets tax-xhur ta' Lulju, Awwissu u Settembru, li ġew iċċirkulati minn qabel u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija (Anness Dok A)

40.5.1.1. Il-Kunsillier SZ ressaq mozzjoni ssekondata mill-Kunsillier AC favur l-approvazzjoni tad-dokumenti msemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 40.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

40.6.1. Il-Kunsillier AC tkellem għan-nom tal-Kumitat imwaqqaf sabiex jaħdem dwar il-Festa tal-lokalita'. Huwa qal li l-Kumitat evalwa diversi alternattivi fosthom Wied il-Buni, u fil-Bajja s-Sabiħa, iżda ż-żewġ fihom diffikultajiet. Huwa informa li l-Kumitat iddiskuta wkoll dan fl-ambitu tar-riġenerazzjoni. Il-Kunsillier AC informa li hemm bżonn jiġu diskussi anke żoni oħra, dan sabiex tissolva l-problema tat-traffiku fi żmien il-festa.

40.6.2. Il-Kunsillier AC ppropona li tiġi ridisinjata l-pjazza tal-Knisja, u jsiru żewġ parkeġġi, wieħed kull naħa u disinn ta Triq is-Sajjied, u Triq il-Kurat Fenech b'mod differenti. Huwa qal li matul il-festa, il-parkeġġi jkunu jistgħu jintużaw bħala spazju għal

planċier, u b'hekk għandha tissolva l-problema tat-traffiku eżistenti. Huwa irrimarka wkoll li b'tali proġett, il-pjazza tal-Knisja tkun tista' tiddawwal iktar permezz ta' iktar fanali ornamentali.

40.6.3. Il-Kunsill innota li jekk dan il-proġett isir, għandu jsir bħala parti mil-Pjan ta' Riġenerazzjoni.

40.6.4. Il-Kunsill żied jinnota li x-xogħol li ser isir mill-Enemalta tal-*cable* tad-dawl, hemm bżonn ikun ikkonfermat li qed isir il-koordinazzjoni mal-GHRC u dan sabiex kollox ikun pjanat. Il-Kunsill innota l-bżonn li jkun iktar infurmat b'dak li jkun għaddej, ħalli kulħadd jiġbed ħabel wieħed.

## 40.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

40.7.1. Is-Sindku JC ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-riferenza 10/17 li ġiet iċċirkulata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. (Anness DOK A1).

40.7.1.1. Il-Kunsillier SZ staqsa dwar Pagament Numru 58. Huwa kien infurmat li dawn huma pjanti li ġew vandalizzati / mietu.

40.7.1.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JB u ssekondata mill-Kunsillier SZ, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti msemmija bir-riżultat ikun favur nem con.

40.7.2. Is-Sindku JC ippreżenta r-rapport ta' nfiq mill-*Petty Cash* għal Settembru bir-riferenza 09/2017 (Anness Dok A2), li ġie ċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie kkunsidrat bħala moqri.

40.7.2.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JBD u ssekondata mill-Kunsilliera LAG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 40.8 Mozzjonijiet;

40.8.1. Ma kienx hemm mozzjonijiet imressqa sad-data tal-għeluq.

## 40.9 Pjan ta' Riġenerazzjoni;

40.9.1. Il-Kunsill innota li hemm bżonn li jibda x-xogħol disinjat minn Transport Malta għaż-żona tax Xatt ta' San Ġorġ, u dan sabiex tiġi solvuta l-problema tal-ilma baħar.

40.9.2. Il-Kunsill kompla jiddiskuti l-proġett tal-Enemalta li jirrigwarda t-tqegħid tal-*cable* tad-dawl.

40.9.3. Il-Kunsillier SZ irrakkomanda li jsiru iktar miżuri kontra l-għargħar fi Triq San Patrizju, ġaladarba ser tinqala' t-triq. Il-Kunsill qabel li jsiru rakkomandazzjonijiet sabiex l-istess għal Triq is-Sajjied, u toroq oħra fil-madwar.

40.9.4. Il-Kunsill innota dwar il-bżonn li jsir miljorament fi Triq San Filippu, kif ukoll fi F'Miraħ Ħamilkar Barka.

40.9.5. Il-Kunsill innota wkoll li fil-ġranet li ġejjin ser issir manutenzjoni fi Triq Ġużeppi Despott, li ħa ssir permezz ta' fondi mir-Reġjun.

40.9.6. Il-Kunsill qabel ukoll li nelfrattemp għandhom isiru żewġ lampi tat-toroq f'Misraħ is-Summit, u dan minħabba li l-Misraħ huwa mudlam, u dan id-dawl iktar ser ikun hemm bżonnu ġaladarba ser ikun hemm xogħlijiet għaddejjin.

**NB: 7.36 pm Il-Kunsillier JBO talab li jkun skużat.**

40.9.7. Il-Kunsill qabel li għandha tintalab laqgħa mal-GHRC sabiex jiġi diskuss avvanzi fil-Pjan ta' Riġenerazzjoni.

## 40.10 Applikazzjonijiet ta' żvilupp;

40.10.1. Is-Sindku informa dwar applikazzjoni PA-08079-17 li tirrigwardja tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem *Illusions Bar and Restaurant*.

40.10.2. Il-Kunsill innota li l-applikazzjoni ġġib indirizz ħażin, u dan għaliex it-triq jisimha Wesgħa Carmelo Caruana

40.10.3. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill qabel li għandu joġġezzjona, bħal ma oġġezzjona lill-istabbilimenti oħra fl-istess akkwata, kif ukoll sakemm joħorġu l-*policies* il-ġodda.

## 40.11 Talba għal No objection – Attivitajiet ta' Rikreazzjoni fil-baħar;

40.11.1. Is-Sindku JC ippreżenta talba mis-Sur Les Croft, fejn is-Sur Croft qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex juża parti mill-baħar tal-Bajja s-Sabiħa sabiex jorganizza attivitajiet ta' rikreazzjoni fil-baħar.

**NB: 7.47 pm Il-Kunsilliera JBD talbet li tkun skużata.**

40.11.2. Il-Kunsill innota li tali permess irid jinġab mingħand l-awtoritajiet kompetenti.

40.11.3. Il-Kunsill qabel li m'għandux oġġezzjoni għal tali talba bil-kundizzjonijiet li dan ma jkunx ġoż-żona dedikata għal għawm, li jiżżarma kollox fix-Xitwa u waqt kull attività li tkun ser tinżamm f'din iż-żona, skont il-bżonn.

## 40.12 Street Lighting;

40.12.1. Is-Sindku informa li l-Waterpolo Club, flimkien mal-operatur tar-restaurant li jopera minn ġol-klabb, taw b'donazzjoni l-fanali ornamentali li kien hemm imwaħħla fuq l-istess klabb. Huwa ppropona li dawn jeħlu fil-Bandli ta' San Ġorġ. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta unanimament.

## 40.13 Attivitajiet tal-Kunsill;

40.13.1. Is-Sindku tkellem dwar Jum Birżebbuġa, u informa dwar il-bżonn ta' koordinazzjoni. Il-Kunsill qabel li jitkellem mal-Kunsilliera JBD, u sussegwentement isir il-koordinament neċessarju.

40.13.1.1. Il-Kunsill qabel unanimament li Ġieħ Birżebbuġa jingħata lil-Brigadier Jeffrey Curmi, li huwa l-ewwel Brigadier tal-armata minn Birżebbuġa.

40.13.2. Is-Sindku fakkar dwar l-attivita' tal-Joys of Gospel, li ser tittella' mill-Kunsill kif sar tul dan l-aħħar snin. Huwa informa li l-ispiża ta dan il-kunċert ġiet ridotta drastikament.

40.13.2.1. Il-Kunsill innota li hemm il-materja tal-kor suġġett għad-diskussjoni fejn hemm kor bi prezz ta' mitejn ewro li jinkludi l-arranġamenti mal-mużika, u kor ieħor b'xejn, iżda li possibbilment għalih irridu naddattaw il-mużika

40.13.2.2. Is-Sindku informa li għandu laqgħa l-Erbgħa filgħodu, u ser iżomm lill-Kunsill infurmat bl-eżitu.

40.13.3. Is-Sindku informa dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fl-attività : Il-Lokalita' Tiegħi fl-Istrina, attività li qed tittella' madwar il-pajjiż taħt il-Patroċinju tal-ET. President ta' Malta, fl-istess ġurnata ta' Milied fil-Pjazza. Il-Viċi Sindku JB issuġġerixxa li l-Kunsill joħroġ numru ta' inviti lill-Għaqdiet sabiex dawn jipparteċipaw, u jsir programm. Il-Kunsill qabel.

40.13.4. Is-Sindku tkellem dwar l-attività' Milied fil-Pjazza u informa li l-Kunsill ser ikun qed jamalga "Il-Lokalita' Tiegħi fl-Istrina" ma' din l-attivita'. Il-Kunsill qabel li jinġabu *mobile toilets*, isir servizz ta' knies, u servizz ta' gwardjani lokali minħabba l-għeluq tat-toroq.

## 40.14 Nominazzjonijiet ta' Jum Birżebbuġa;

40.14.1. Is-Sindku informa li sal-ġurnata u l-ħin tal-għeluq, il-Kunsill irċieva numru ta' nominazzjonijiet, mingħand il-pubbliku.

40.14.2. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jgħaddu għand il-bord hekk kif imniżżel skont ir-regolamenti stabbiliti, sabiex issir ir-rakkomandazzjoni neċessarja.

40.14.3. Il-Kunsill qabel li l-Kunsillier SZ ikun jirrappreżenta lill-Kunsill skont ir-regolamenti.

## 40.15 Armar tal-Milied;

40.15.1. Is-Sindku tkellem dwar id-dekorazzjonijiet tal-Milied bl-intenzjoni li tinżamm l-ispiża baxxa kemm jista' jkun.

40.15.2. Il-Kunsill qabel li jżomm l-ispiża bħal tas-sena l-oħra.

40.15.3. Is-Sindku informa li nelfrattemp ser jitkellem mal-MTA, sabiex ningħataw tiżjin addizzjonali.

## 40.16 Central Strip fil-Parkeġġ ta' ħdejn l-Alfresco;

40.16.1. Is-Sindku informa li ġie avviċinat mir-rappreżentanti tal-Għaqda Sajjieda Dilettanti Birżebbuġafejn talbu li titneħħa s-*central strip* li hemm f'nofs il-parkeġġ ta' San Ġorġ, u dan għal żewġ raġunijiet: sabiex ikun iktar faċli jimmanuvraw l-opri tal-baħar, kif ukoll minħabba sabiex ma jsirx rimi ta' skart ġol-*planters*.

40.16.2. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 40.17 Ġbir ta' ħġieġ għar-riċiklaġġ;

40.17.1. Il-Kunsill innota li ta' sikwit qed ikun hemm numru ta' nuqqasijiet f'dan is-servizz, u ta' dan inġibdet l-attenzjoni lil GreenPAK.

## 40.18 Rapport Finanzjarju tat-3 Kwart tas-Sena;

40.18.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-Rapport Finanzjarju tat-tielet Kwart tas-Sena li ġie iċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

40.18.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AC u ssekondata mill-Kunsilliera LAG, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tar-rapport imsemmi bir-riżultat ikun favur unanimament.

## 40.19 Estimi Annwali;

40.19.1. Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-abbozz tal-estimi finanzjarji, li ġie iċċirkulat minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għalhekk ġie ikkunsidrat bħala moqri.

40.19.2. Il-Kunsill qabel li qabel jiġi finalizzat flimkien mal-Kumitat tal-Finanzi, il-Kunsilliera jgħaddu r-rakkomandazzjonijiet tagħhom lis-Sindku sa nhar il-Ġimgħa 3 ta' Novembru.

## 40.20 Laqgħa tal-Lokalita'

40.20.1. Il-Kunsill qabel dwar data tentattiva, It-Tnejn 11 ta' Diċembru 2017 fis-6.00.pm

## 40.21 Proġett tal-Enemalta

40.21.1. Is-Sindku informa li din il-materja ġiet diskussa fil-maġġoranza tagħha taħt punti diversi matul il-laqgħa.

40.21.2. Is-Sindku informa li baqa' jiġi diskuss ir-rilokazzjoni temporanja tal-Monti. Huwa ssuġġerixxa, wara konsultazzjoni ma' numru ta' bejjiegħa, li dan jista' jiġi rilokat fi Triq Santa Katarina, kif kien fil-passat. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 40.22 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

40.22.1. Il-laqgħa intemmet fit-8.30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għat-Tnejn 4 ta' Diċembru, 2017 fil-5.30 pm.

Konfermati, illum 4 ta' Diċembru, 2017.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| Joseph Baldacchino<br>Viċi Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |

**Local Council Birzebbuga**

Statement of Financial Position
As at 31 July 2017

| | 2017 (Jul 17 ) | 2016 (Jan 16-Dec 16) |
|---|---|---|
| **ASSETS** | | |
| Non-Current Assets | | |
| Property, plant and equipment | 1,879,859 | 1982785 |
| | 1,879,859 | 1982785 |
| **Current Assets** | | |
| Receivables | 87,029 | 107766 |
| Cash at bank and in hand | 457,978 | 246460 |
| | 545,007 | 354226 |
| **Total Assets** | 2,424,865 | 2337011 |
| **Reserves** | | |
| Retaind earnings | 1,484,323 | 1376591 |
| Total reserves | 1,484,323 | 1376591 |
| **Non- Current Liabilities** | | |
| Long term borrowing | 74,858 | 140918 |
| Non-current deferred income | 329,420 | 353904 |
| | 404,278 | 494822 |
| **Current Liabilities** | | |
| Trade and other payables | 222,103 | 93762 |
| Short-term borrowings | 314,161 | 371836 |
| | 536,264 | 465598 |
| **Total Liabilities** | 940,542 | 960420 |
| **Total reserves and liabilities** | 2,424,865 | 2337011 |

This statement of financial postion was approved by the Local Council on 30/10/2017 and signed on it is behalf by

Joe Cutajar
Mayor

Svetlick Flores
Executive Secretary

Local Council Birzebbuga

Statement of Financial Position
As at 31 August 2017

| | 2017 (Aug 17 ) | 2016 (Jan 16-Dec 16) |
|---|---|---|
| **ASSETS** | | |
| Non-Current Assets | | |
| Property, plant and equipment | 1,864,325 | 1982785 |
| | 1,864,325 | 1982785 |
| **Current Assets** | | |
| Receivables | 86,537 | 107766 |
| Cash at bank and in hand | 428,251 | 246460 |
| | 514,789 | 354226 |
| **Total Assets** | 2,379,114 | 2337011 |
| Reserves | | |
| Retaind earnings | 1,496,708 | 1376591 |
| Total reserves | 1,496,708 | 1376591 |
| **Non- Current Liabilities** | | |
| Long term borrowing | 65,422 | 140918 |
| Non-current deferred income | 325,923 | 353904 |
| | 391,345 | 494822 |
| **Current Liabilities** | | |
| Trade and other payables | 167,464 | 93762 |
| Short-term borrowings | 323,597 | 371836 |
| | 491,061 | 465598 |
| **Total Liabilities** | 882,406 | 960420 |
| **Total reserves and liabilities** | 2,379,114 | 2337011 |

This statement of financial postion was approved by the Local Council on 30/10/2017 and signed on it is behalf by

Joe Cutajar
Mayor

Svetlick Flores
Executive Secretary

Local Council Birzebbuga

Statement of Financial Position
As at 30 Sep 2017

| | 2017 (Sep 17 ) | 2016 (Jan 16-Dec 16) |
|---|---|---|
| **ASSETS** | | |
| Non-Current Assets | | |
| Property, plant and equipment | 1,848,618 | 1982785 |
| | 1,848,618 | 1982785 |
| **Current Assets** | | |
| Receivables | 93,723 | 107766 |
| Cash at bank and in hand | 384,454 | 246460 |
| | 478,177 | 354226 |
| **Total Assets** | 2,326,794 | 2337011 |
| **Reserves** | | |
| Retaind earnings | 1,504,644 | 1376591 |
| Total reserves | 1,504,644 | 1376591 |
| **Non- Current Liabilities** | | |
| Long term borrowing | 55,986 | 140918 |
| Non-current deferred income | 322,424 | 353904 |
| | 378,410 | 494822 |
| **Current Liabilities** | | |
| Trade and other payables | 110,707 | 93762 |
| Short-term borrowings | 333,033 | 371836 |
| | 443,740 | 465598 |
| **Total Liabilities** | 822,150 | 960420 |
| **Total reserves and liabilities** | 2,326,794 | 2337011 |

This statement of financial postion was approved by the Local Council on 30/10/2017 and signed on it is behalf by

Joe Cutajar
Mayor

Svetlick Flores
Executive Secretary